BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

2 ta' Marzu, 2010

## Minuti tal-laqgha 40(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 40(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tnejn 1 ta' Marzu, 2010 fis-6 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall, Sindku, s-Sinjura Miriam Grech-Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera

Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol filwaqt li s-sur Ivan Peresso – Kunsillier kien skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha. .

### Talba.

Is-Sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal-laqgha.

1. **Qari u Approvazjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-laqgha 39(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.3(39/05) Il-progett tat-tisbih tal-bandli
Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal li l-progett tat-tisbih tal-bandli kellhu jigu sottomess taht l-iskema ta' finanzjament 27/2010, ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar, izda minhabba ragunijiet li l-Kunsill ma kellhux kontrol fuqhom din l-applikazjoni ma gietx sottometta. Hawnhekk, is-Sindku zied jghid, li taht din l-iskema, il-Kunsill Lokali tal-Birgu applika ghal progett ta' manutenzjoni, tisbieh u accesibilta ghall-persuni bi bzonnijiet specjali fil-latrina pubblika li tinsab f'Sally Porte, fil-post maghruf bhala t-toqba.

1.2 Item 1.8(39/05) Is-Servizz ta' skart separat.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li dan is-servizz mghoti mil-Kumpanija GreenPak kien wiehed tajjeb hafna u nforma lil Kunsilliera prezenti li gew indentifikati siti ohra fejn gew installati *bring in sites* zghar madwar il-Birgu.

1.3 <u>Item 1.4(39/05) L-iskema ta' Energy Saving</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li t-tender ghal installazjoni tal-photovoltaic panels fuq il-bini aministrattiv il-gdid tal-Kunsill, dak tal-Berga ta' Franza, kienet harget u tghalaq nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu, 2010 fil-5 ta' filghaxija.

1.4 <u>Item 1.7(39/05) is-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz</u>

Is-Sindku qal li saret laqgha mal-Perit fi hdan l-ADT, l-Perit Gordon Zammit, fejn gie nfurmat bis-sitwazjoni ta' Triq San Lawrenz, u nforma lil Kunsill li l-Awtorita qed tahdem biex ix-xoghlijiet pendenti jitkomplew fl-iqsar zmien possibli.

1.5 <u>Item 1.9(39/05) Talba ghad-devoluzjoni tas-sular ta' fuq ta' Couvre Porte.</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li t-talba ghad-devoluzjoni tas-sular ta' fuq ta' Couvre Porte kienet giet sottomessa, biss sal-llum il-Kunsill Lokali tal-Birgu, kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

1.6 <u>Item 2.15(39/05) Lejla Funebri bil-partecipazjoni tal-grupp 4th System Clarinet Quartet.</u>

Wara diskussjoni, s-Sindku, s-sur John Boxall, ssugerixxa li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja prezenti tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, kif ukoll, minhabba l-fatt li l-Kunsill ghad m'ghandux l-access ghal Berga ta' Franza, dan il-kuncert ta' lejla funebri mtella' mil-grupp 4th System Clarinet Quartet ma jsirx. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Dwar <u>item 10(39/05) Attivita ta' Jum il-Birgu, 2010</u>

Wara diskussjoni, l-Kunsilliera Miriam Grech, issugerit sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jsejjah laqgha sabiex tigi diskussa biss l-attivita ta' Jum il-Birgu 2010. Bi qbil unanimu gie deciz li din il-laqgha issir nhar l-Erbgha 10 ta' Marzu fi 6 ta' filghaxija u tigi mmexija mil-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar, peress li huwa l-Kunsillier responsabli min din l-attivita.

1.8 <u>Item 11(39/05)Skema ta' finanzjament ghar-restawr tal-postijiet zghar</u>.

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-applikazjoni ghal iskema ta' finanzjament ghar-restawr ta' postijiet zghar, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu applika sabiex isir ir-restawr tan-nicca tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq San Lawrenz, kif ukoll in-nicca ta' San Duminku fi Triq Boffa, gew sottomessi.

## 2. **Korrispondenza.**

2.1 Is-Sindku pprezenta kopja tal-kodici ta' etika ghar-rapprezentanti eletti tal-Gvern Lokali ghal attenzjoni tal-Kunsilliera.

2.2 Ittra minghand il-Fondazzjoni OASI, fejn nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu dwar l attivitajiet annwali taghha, li jinkludu l-Premju taz-Zghazugh tas-Sena, kif ukoll l-attivita Riflessi Sajfin. Barra min hekk, din il-Fondazzjoni, tablet donazjoni lil Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li ghalkemm il-Kunsill huwa interessat li jippartecipa fil-Premju Zghazugh tas-Sena, skond l-emendi ta' l-Att tal-Kunsilli Lokali, l-istess Kunsill, mhux f'posizjoni li jaghti donazjoni lil din il-Fondazjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku pprezenta kopja ta' l-applikazjoni sottomessa ghal progett ta' koperazzjoni bejn il-Belt tal-Birgu u l-Belt ta' Agria fi Grecja, ghas-shubija fil-progett ta' "Town Twinning networks in the EU 'Europe for Citizens programme'".

2.4 Ittra minghand is-sur Alfred Sammut, President tal-Legjun ta' Marija, fejn talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex nhar is-Sibt 24 ta' Lulju, din il-ghaqda itella' pelegrinagg gewwa l-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sindku pprezenta ittra li ntbghatet lis-Sur Charles Bonello, Chairperson u Ko-ordinatur Ewlieni tal-Kumitat Organizzativ Nazzjonali ghaz-zjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta, fejn il-Kunsill bghat il-bzonnijiet li hass li hemm bzonn li jsiru fit-toroq arterjali li minnhom ser jghaddi l-qdusija tieghu l-Papa u li jaqghu fil-konfini tal-Belt tal-Birgu.

2.6 Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ssotometta applikazjoni taht l-iskema ta' ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li tul is-sena jilqghu filhom attivitajiet fuq skala nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mil-Gvern Centrali, ghal attivitajiet inkonessjoni mac-celebrazzjonijiet ta' Jum il-Helsien li jittelghu biswit il-Monument tal-Helsien u fi Triq Marzu '79 u qieghda tigi preprarata biex il-Kunsill idahhal applikazjoni ohra, dik relatata mal-Festival tal-Loghob tan-Nar li jsir fil-Port il-Kbir.

2.7 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lis-sur Kevin Drake, Direttur tal-Komunikazjoni u Relazzjonijiet Pubblici fi hdan l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu u Kultura, sabiex ghall-ewwel darba f'Malta jagheml produzzjoni Audio Viziv b'*sound surround* u b'effetti bid-dawl ta' rakkonti tal-Passjoni ta' Sidna Gesu Kristu, amalgamate ma' kif tigi mgedda din il-grajja fil-Gzejjer Maltin, sabiex titella' fi zmien il-Gimgha Mqaddsa fil-Berga ta' Franza, bhala parti mill-attivitajiet li l-Kunsill ser jorganizza, dawk ta' "Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha fil-Birgu.

.

2.8 Is-Sindku pprezenta kopja ta' ftehim ghal ghajnuna finanzjarja mghotija taht l-iskema



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,

Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera

Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

attvitajiet sportivi, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jibbenifika mil-ammont ta' € 2490 ghal attivitajiet sportive li ser jigu organizzati mil-Kunsill Lokali tal-Birgu matul is-sena 2010 u jinkludu l-*After School Programme* u l-*Adults on the Move.*

2.9 Kwotazzjoni minghand il-Kumpanija Mifsud Garage Ltd. ghal bandiera tal-Belt tal-Birgu b'daqs ta' 12-il pied bi 18-il pied ghal prezz ta' € 530 vat inkluz. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill, japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. Presentazjoni tal-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2009

Is-Sindku qassam lill-Kunsilliera prezenti l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja 2009 li kienet bejn l-1 t'April 2009 u l-31 ta' Dicembru, 2009. Huwa spjega li ghandha tintbaghat kopja ta' dan il-financial statements lill-awdituri tal-Kunsill BDO,fejn dawn jistghu jigu riveduti wara li jkunu ghamlu *audit* lir-*records* tal-Kunsill. Is-Segretarja Ezekuttiva tat spjegazzjoni tal-financial statements pprezentati. Is-Sinjorina Bonello gibdet l-attenzjoni li l-kunsill ghalkemm id-*deficit* naqas sostjenalment mis-sena finanzjarja precidenti, l-Kunsill xorta ghadu b'deficit u mhux qieghed f'qaghda finanzjarja tajba u ghalhekk f'din is-sena l-Kunsill irid joqghod attent hafna fl-infiq tieghu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex dawn il-*financial statements* jigu approvati. Dwar dan kien qbil unanimu.

## 4. Progress ta' l-attivita ta' Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha

Is-Sindku tah rendikont tal-preparamenti kollha li qed isiru ghal attivita ta' "Hamis ix-Xirka fid-dawl tax-Xemgha fil-Birgu". Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-poster kif ukoll il-ktejjeb ghal din l-attivita huma kwazi lesti. Is-Sindku zied jghid li fil-granet li gejjien ser tigi msejha laqgha ghal esebituri kif ukoll ghal *helpers* kollha li ser jghinu f'din l-attivita.

## 5. Taghrif dwar il-konferenza teknika tal-Progett Oralities li saret f'Ravenna fl-Italja

Is-Sinjorina Christine Bonello, Segretarja Ezekuttiva, tat rendikont tal-konferenza teknika tal-Progett Oralities, li ghaliha attendew hi, flimkien mas-Sindku s-sur John Boxall u l-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar. Is-Sinjorina Bonello qalet li l-belt tal-Birgu ser tospita programm cirkwit ta' muzika rinaxximentali bejn l-4 u l-5 ta' Settembru, 2010, li ser ikun jaghmel parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Birgu 2010, kif ukoll, programm cirkwit ta' muzika tradizjonali, li ser ikun parti mil-attivitajiet tal-BirguFest 2010, bejn it-8 u d-9 ta' Ottubru, 2010.

## 6. Taghrif dwar l-izvilluppi tal-Berga ta' Franza

Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti dwar l-izvillupi tal-process tad-devoluzzjoni tal-Berga ta' Franza. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex tigi ppublikata applikazjoni ghal contracts manager ghax-xoghlijiet tal-Berga ta' Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7. Wirja tal-Mosaic ta' Ravenna fil-Birgu

Is-Sindku qal li waqt l-konferenza gewwa Ravenna fl-Italja tal-progett Oralities, waqt diskursata mas-Sinjura Maria Grazia Marini, direttrici tad-dipartiment tal-Kultura u t-turizmu, gie ssugerit sabiex titella' wirja ta' mosaic ta' Ravenna gewwa l-Birgu, liema wirja titella' bejn l-attivitajiet ta' Jum il-Birgu u dawk tal-BirguFest. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. Process tal-Progett Fuq tal-Hawli

Is-Sindku, s-sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet inkonessjoni mal-progett ta' kostruzzjoni tal-Gnien Fuq tal-Hawli. Is-Sindku zied jghid li l-parti tal-belvedere jinsab lest.

## 9. Qsari fi Triq Hilda Tabone

Il-Kunsilliera Miriam Grech, talbet sabiex jekk huwa possibli jsir iz-zbir tal-qsari li hemm fi Triq Hilda Tabone, peress li ftit minnhom jistghu isiru perikoluzi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 10. Harga Kulturali ghax-xahar t'April

Wara s-success tal-harga kulturali li saret l-Erbgha 24 ta' Frar, 2010, il-Kunsilliera Judith Saliba ssugerit sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jerga' jorganizza harga kulturali ohra izda din id-darba ghal Gzira t'Ghawdex. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 11. Affarijiet ohra

11.1 Is-Sindku ressaq ghal approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mil-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona sabiex din il-lista tigi approvata. Is-sinjura Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 8:00 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 24 ta' Marzu, 2010 fi 6 ta' filghaxija.

Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall
Sindku